THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA

TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. kamratalperiti@go.net.mt
WEBSITE. www.ktpmalta.org

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

Our Ref: 8/13

Onorevoli Deborah Schembri
Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni Amministrattiva
Auberge de Castille
Valletta

28 ta' Marzu 2017

Għażiża Onorevoli Schembri,

**Il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**

Il-Kamra tal-Periti tagħmel riferenza għall-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u għall-proċeduri stabbiliti rigward reviżjonijiet għall-Istrateġija Spazjali u Pjanijiet Sussidjarji. B'mod partikolari, il-Kamra tagħmel riferenza għall-Artikli 46 u 53 ta' l-Att li jistipulaw li l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jiġi kkonsultat fuq tali reviżjonijiet fl-istess perjodu li jiġi kkonsultat il-pubbliku, u li l-Kumitat għandu, fl-istess terminu ta' żmien, jissottometti l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz li jkun tressaq quddiemu.

Il-Kamra tal-Periti hi ta' l-opinjoni li, biex il-Kumitat ikun tassew effettiv u rappreżentattiv tal-pubbliku, għandu jkollu a dispożizzjoni tiegħu l-kummenti tal-pubbliku fl-istess żmien li fih ikun qiegħed jikkunsidra l-abbozz mressaq quddiemu. Dan biex ikun jista' jikkunsidra, jgħarbel u jifhem ir-reazzjoni tal-pubbliku li, wara kollox, il-Membri Parlamentari li jiffurmaw dan il-Kumitat huma eletti sabiex jirrapreżentaw.

Għaldaqstant, il-Kamra tal-Periti tixtieq tissuġġerixxi li jsiru l-emendi meħtieġa fil-liġi sabiex it-terminu li fih il-Kumitat għandu jissottometti l-kummenti tiegħu għandu jkun sussegwenti għall-perjodu ta' konsultazzjoni li ssir mal-pubbliku in ġenerali, u li l-Kumitat għandu jingħata kopja tas-sottomissjonijiet li jkunu daħlu mingħand il-pubbliku, u li tali sottomissjonijiet għandhom jiġu ppreżentati mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar bħala parti mill-preżentazzjoni formali li ssir quddiem il-Kumitat.

Filwaqt li nittamaw li tilqa' dan is-suġġeriment, il-Kamra tal-Periti tibqa' għad-dispożizzjoni tiegħek sabiex tiddiskuti dan is-suġġeriment f'iktar dettall.

Inselli għalik,

**Perit Simone Vella Lenicker**
**Viċi President, Kamra tal-Periti**

cc.

- Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp
- Kap Eżekuttiv, Awtorita' ta' l-Ippjanar
- Chairman, Awtorita' dwar l-Ambjent u r-Riżorsi

The Kamra tal-Periti is affiliated to the International Union of Architects (UIA), the Architects' Council of Europe (ACE), the Commonwealth Architects' Association (CAA), the Union of Mediterranean Architects (UMAR), the European Council of Civil Engineers (ECCE) and European Forum for Architectural Policies (EFAP).